Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15936/22

LIMITE

JUR 789
COUR 41
INST 455
CODEC 1996

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0906 (COD)**

PUBLIC

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Emenda għall-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża ittra datata t-30 ta' Novembru 2022 mis-Sur Koen Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lis-Sur Mikuláš Bek, President tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali, li twassal talba biex jiġi emendat il-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll it-test tal-emendi proposti u l-annessi tagħhom.

IL-QORTI TAL-
ĠUSTIZZJA
TAL-
UNJONI EWROPEA

President

PUBLIC

*Lussemburgu, 30 ta' Novembru 2022*

*Is-Sur Mikuláš Bek*
*President tal-Kunsill "Affarijiet Ġenerali"*
*Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*
*175, rue de la Loi*
*B-1048 Brussell*

*Sur President,*

*Filwaqt li nirreferi għat-tieni paragrafu tal-Artikolu 281 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għall-ewwel paragrafu tal-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, huwa l-unur tiegħi nibgħatlek, kif qiegħed nibgħat ukoll lill-Presidenta tal-Parlament Ewropew, din it-talba għal emenda tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.*

*L-għan ta' din it-talba, li qiegħda titressaq f'kuntest ta' attività ġudizzjarja intensa ħafna kkaratterizzata kemm min-numru kif ukoll mill-kumplessità tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa, minn naħa, li jiġu ddeterminati l-oqsma speċifiċi li fihom il-Qorti Ġenerali għandu jkollha kompetenza, skont l-Artikolu 256(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex tieħu konjizzjoni ta' domandi preliminari magħmula skont l-Artikolu 267 tal-imsemmi Trattat u, min-naħa l-oħra, li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ratione materiae tal-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli, li kien daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019.*

*L-emendi tal-Istatut li timplika din it-talba, li tinsab annessa ma' din l-ittra bil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, huma s-suġġett ta' spjegazzjonijiet iddettaljati fil-memorandum ta' spjegazzjoni li għalih nieħu l-libertà li nirreferi.*

*Filwaqt li nibqa' kompletament għad-dispożizzjoni tiegħek fir-rigward ta' kwalunkwe kjarifika addizzjonali li tkun tixtieq tikseb, nitolbok taċċetta, Sur President, l-espressjoni tal-ogħla stima tiegħi.*

*Koen Lenaerts*

**Talba mressqa mill-Qorti tal-Ġustizzja, abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 281 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li jiġi emendat il-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

PUBLIC

## Introduzzjoni

Ibbażata fuq it-tieni paragrafu tal-Artikolu 281 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din it-talba għal emenda tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem l-"Istatut") għandha żewġ għanijiet.

Minn naħa, hija għandha l-għan li tistabbilixxi l-oqsma speċifiċi li fihom, skont l-Artikolu 256(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ġenerali hija kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tad-domandi preliminari magħmula mill-qrati tal-Istati Membri skont l-Artikolu 267 tal-imsemmi Trattat.

Min-naħa l-oħra, hija għandha l-għan li tinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019, l-appelli ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali dwar deċiżjonijiet ta' bordijiet tal-appell tal-korpi jew tal-organi tal-Unjoni li kienu diġà jeżistu fid-data msemmija iktar 'il fuq iżda li għadhom ma jissemmewx fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58a tal-Istatut, u li testendi dan il-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel għall-kawżi msemmija fl-Artikolu 272 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonċernaw il-klawżoli ta' arbitraġġ inklużi f'kuntratt irregolat mid-dritt pubbliku jew mid-dritt privat konkluż mill-Unjoni jew f'isimha.

Dawn iż-żewġ proposti qegħdin isiru f'kuntest ta' żieda kostanti fil-volum ta' xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja u huma intiżi li jippermettu lil din tal-aħħar tkompli tiżgura l-missjoni mogħtija lilha mill-awturi tat-Trattat, jiġifieri li tiżgura, fi żmien raġonevoli, "li d-dritt ikun rispettat fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tat-Trattati" [1].

## I. It-trasferiment, lill-Qorti Ġenerali, tal-kompetenza li tieħu konjizzjoni ta' domandi preliminari magħmula skont l-Artikolu 267 TFUE f'oqsma speċifiċi stabbiliti fl-Istatut

[1] Ara l-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Għalkemm, sal-lum il-ġurnata, it-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni dejjem ġew ittrattati mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-possibbiltà li t-trattament ta' wħud minn dawn it-talbiet jiġi fdat lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ilha madankollu teżisti, formalment, għal iktar minn għoxrin sena. Fl-okkażjoni tal-Konferenza Intergovernattiva li wasslet għall-iffirmar tat-Trattat ta' Nice, fis-26 ta' Frar 2001, l-Artikolu 225 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea kien ġie fil-fatt emendat sabiex tiġi rrikonoxxuta lill-Qorti Ġenerali kompetenza li sa dak iż-żmien ma kellhiex: dik li tieħu "konjizzjoni tal-kwistjonijiet imressqa għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 234, f'oqsma speċifiċi stabbiliti fl-Istatut" [2].

Inkluża fit-Trattat f'kuntest li dak iż-żmien kien diġà kkaratterizzat minn żieda sinjifikattiva fil-volum ta' xogħol taż-żewġ qrati li kkoinċidiet mat-tnedija tat-tielet fażi tal-Unjoni ekonomika u monetarja u mad-dħul fis-seħħ, ftit qabel, tat-Trattat ta' Amsterdam, il-possibbiltà ta' trasferiment parzjali tal-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tad-domandi preliminari lill-Qorti Ġenerali kienet meqjusa, mill-Qorti tal-Ġustizzja stess, bħala waħda mill-għażliet possibbli sabiex tiġi evitata konġestjoni tal-fora ġudizzjarji, flimkien ma' miżuri bħalma huma t-trasferiment lill-Qorti Ġenerali ta' kategoriji ġodda ta' rikorsi diretti, il-ħolqien ta' awli għal rimedji ġudizzjarji kif ukoll il-filtraġġ tal-appelli [3].

Minkejja l-eżistenza ta' din id-dispożizzjoni, dak iż-żmien madankollu ma saret ebda emenda fit-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali fir-rigward tad-domandi preliminari. Fis-snin wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Nice, fl-1 ta' Frar 2003, ingħatat prijorità lill-ħolqien tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea u lit-trasferiment, lill-Qorti Ġenerali, tar-rikorsi kollha għal annullament u għal nuqqas li tittieħed azzjoni li sa dak iż-żmien kienu jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, bl-eċċezzjoni ta' ċerti kategoriji ta' rikorsi ta' natura interistituzzjonali jew tar-rikorsi ppreżentati mill-Istati Membri kontra l-atti tal-leġiżlatur tal-Unjoni. Ir-rinviji għal deċiżjoni preliminari baqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja, li barra minn hekk sussegwentement adottat diversi emendi kunsiderevoli tar-Regoli tal-Proċedura tagħha kif ukoll diversi miżuri ta' organizzazzjoni interna li kellhom effetti sinjifikattivi kemm fuq in-numru ta' kawżi maqtugħa mill-qorti u kemm fuq it-tul medju tat-trattament tal-kawżi, li kien waħda mill-preokkupazzjonijiet prinċipali li kienu wasslu għar-riflessjonijiet imsemmija iktar 'il fuq dwar il-futur tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea.

Il-kwistjoni ta' trasferiment parzjali tal-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tad-domandi preliminari lill-Qorti Ġenerali reġgħet tqajmet fil-kuntest tar-riforma tal-

---

[2] Dan l-artikolu jikkorrispondi, essenzjalment, għall-Artikolu 256 attwali tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li l-Artikolu 234 li għalih jirreferi jikkorrispondi, ħlief għal xi bidliet ta' natura terminoloġika, għall-Artikolu 267 attwali tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

[3] Ara, f'dan ir-rigward, id-dokument ta' riflessjoni dwar "[i]l-futur tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea", mibgħut lill-Kunsill f'Mejju 1999 (Dokument tal-Kunsill 8208/99 tal-11 ta' Mejju 1999), kif ukoll il-kontribuzzjoni ppreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali, sena wara, fil-kuntest tal-Konferenza Intergovernattiva.



PUBLIC

arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea, adottata fl-2015 [4], iżda din lanqas ma wasslet, dak iż-żmien, għal emenda effettiva tal-Istatut intiża li tistabbilixxi l-oqsma speċifiċi li fihom il-Qorti Ġenerali setgħet teżerċita kompetenza fir-rigward tad-domandi preliminari. Fuq stedina mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex tippreżenta, sa mhux iktar tard mis-26 ta' Diċembru 2017, rapport dwar il-bidliet possibbli fit-tqassim tal-kompetenzi fir-rigward tad-domandi preliminari, b'mod partikolari fid-dawl tal-irdoppjar tan-numru tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali mwettaq fil-kuntest tar-riforma msemmija iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, f'dak ir-rapport, ippreżentat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fl-14 ta' Diċembru 2017, li, *f'dak l-istadju*, ma kienx hemm lok li jitwettqu bidliet f'dan it-tqassim [5].

Il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha, f'dan ir-rigward, fuq id-diffikultajiet inerenti għal tali operazzjoni kif ukoll, u fuq kollox, fuq il-fatt li t-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kienu qegħdin jiġu ttrattati b'ħeffa – it-tul medju tat-trattament ta' tali talbiet kien dak iż-żmien ta' 15-il xahar – filwaqt li r-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni kienet għadha għaddejja. Diversi Mħallfin tal-Qorti Ġenerali kienu għadhom ma nħatrux u miżuri marbuta, fost l-oħrajn, mal-organizzazzjoni interna tal-qorti li tirriżulta mir-riforma kienu għadhom ma ġewx adottati.

Madankollu, ħames snin iktar tard, is-sitwazzjoni hija differenti ħafna.

Minn naħa, in-numru ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kompla jsegwi tendenza ta' żieda u qiegħed iwassal, għal dawn l-aħħar snin, għal żieda progressiva fit-tul tal-proċeduri minħabba d-diffikultà għall-Qorti tal-Ġustizzja li tittratta bl-istess ħeffa bħalma kienet tagħmel fil-passat talbiet li mhux biss huma iktar fin-numru iżda li qegħdin ikunu wkoll dejjem iktar kumplessi u sensittivi [6].

Min-naħa l-oħra, ir-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea llum il-ġurnata tlestiet kompletament. Sa minn Lulju 2022, il-Qorti Ġenerali għandha effettivament żewġ Imħallfin minn kull Stat Membru, jiġifieri total ta' erbgħa u ħamsin Imħallef, u wettqet,

---

4 Ara r-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 341, 24 ta' Diċembru 2015, p. 14, rettifika fil-ĠU L 40, 17 ta' Frar 2016, p. 16).

5 Rapport ippreżentat skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 (il-korsiv miżjud). Dan ir-rapport, li huwa disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, jista' jiġi kkonsultat fis-sit internet tal-istituzzjoni f'dan l-indirizz: https://curia.europa.eu/jcms/upload/docs/application/pdf/2018-01/mt_2018-01-12_08-43-52_472.pdf.

6 Filwaqt li, fl-2016, tressqu 470 talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, dan in-numru, tliet snin iktar tard, kien ta' 641 talba u ta' 567 talba fl-2021. Matul l-istess perijodu, it-tul medju tat-trattament tal-kawżi għal deċiżjoni preliminari żdied, min-naħa tiegħu, minn 15-il xahar fl-2016 għal 15.5 xhur fl-2019 u għal 16.7 xhur fl-2021. Fit-30 ta' Settembru 2022, in-numru ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa sa mill-bidu tas-sena kien ta' 420 talba filwaqt li t-tul medju tat-trattament tal-kawżi għal deċiżjoni preliminari kien ta' 17.3 xhur. Għal ħarsa iktar iddettaljata tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2017 u t-30 ta' Settembru 2022 u tal-proporzjon minn dawn il-kawżi li huma talbiet għal deċiżjoni preliminari, ara t-tabella li tinsab fl-Anness 1 ta' din it-talba.



PUBLIC

matul dawn l-aħħar snin, riflessjoni fil-fond dwar l-organizzazzjoni interna tagħha u dwar il-metodi ta' xogħol tagħha li wasslet, b'mod partikolari, għal speċjalizzazzjoni parzjali tal-awli ta' din il-qorti, għal ġestjoni iktar proattiva tal-kawżi u għall-assenjazzjoni iktar ta' spiss tal-kawżi importanti jew kumplessi lil kulleġġi ġudikanti estiżi, komposti minn ħames Imħallfin. Dawn l-iżviluppi jpoġġu lill-Qorti Ġenerali f'sitwazzjoni tajba sabiex tkun tista' tieħu konjizzjoni mhux biss ta' numru ikbar ta' kawżi [7], iżda wkoll ta' kawżi ġodda li ma jaqgħux biss fil-kompetenzi li ngħatawlha sal-lum il-ġurnata.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, fl-interess ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, hemm lok li tintuża l-possibbiltà prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 256(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u li jiġu stabbiliti, fl-Istatut, l-oqsma speċifiċi li fihom il-Qorti Ġenerali għandha tieħu konjizzjoni tad-domandi preliminari magħmula skont l-Artikolu 267 ta' dan it-Trattat (1). Dan huwa s-suġġett tal-ewwel parti ta' din it-talba leġiżlattiva, li tispeċifika wkoll, fl-interess ta' ċertezza legali msaħħa, l-istanza responsabbli sabiex tiżgura l-osservanza tat-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali fir-rigward tad-domandi preliminari (2) u l-garanziji proċedurali meħtieġa għall-aħjar trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari ttrasferiti lill-Qorti Ġenerali (3).

*(1) L-oqsma speċifiċi li fihom il-Qorti Ġenerali għandha tieħu konjizzjoni tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari*

Kif jirriżulta mill-formulazzjoni stess tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 256(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-kompetenza tal-Qorti Ġenerali li tieħu konjizzjoni tad-domandi preliminari magħmula skont l-Artikolu 267 ma hijiex kompetenza ġenerali, li testendi għall-oqsma kollha koperti mid-dritt tal-Unjoni. Il-kompetenza tagħha fir-rigward tad-domandi preliminari għandha tiġi eżerċitata f'oqsma speċifiċi u dan jeħtieġ, mid-definizzjoni tiegħu stess, li t-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-qrati tal-Istati Membri jkunu ffokati fuq dawn l-oqsma u ma jqajmux kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni jew il-validità tad-dritt tal-Unjoni ta' natura orizzontali.

B'mod iktar konkret, il-Qorti tal-Ġustizzja ħaddnet erba' parametri jew prinċipji gwida fir-riflessjoni tagħha dwar l-istabbiliment tal-oqsma speċifiċi li fihom il-Qorti Ġenerali tista' tintalab tassumi l-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tad-domandi preliminari.

L-ewwel wieħed minn dawn il-parametri huwa marbut mal-ħtieġa li l-oqsma ttrattati mill-Qorti Ġenerali jkunu jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar minn qari tat-talba għal deċiżjoni preliminari u jkunu jistgħu jinfirdu b'mod suffiċjenti minn oqsma oħra rregolati mid-dritt tal-Unjoni sabiex ma jqumux dubji dwar il-portata preċiża tad-domandi magħmula mill-qrati nazzjonali u, b'hekk, dwar il-kompetenza tal-Qorti Ġenerali li tittrattahom.

It-tieni u t-tielet parametri huma marbuta, rispettivament, mal-identifikazzjoni ta' oqsma li ftit iqajmu kwistjonijiet fuq livell ta' prinċipju u li fir-rigward tagħhom hemm diġà bażi

---

[7] Din il-konstatazzjoni, li hija bbażata wkoll fuq in-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali sa mill-adozzjoni tar-Regolament 2015/2422, ma tiħux inkunsiderazzjoni eventwali żieda fil-volum ta' xogħol tagħha marbuta mal-evoluzzjoni tal-attività leġiżlattiva u regolamentari tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam diġitali.

kunsiderevoli ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tkun tista' tiggwida lill-Qorti Ġenerali fl-eżerċizzju tal-kompetenza l-ġdida tagħha u li tkun tista' tevita r-riskju potenzjali ta' nuqqasijiet ta' konsistenza jew ta' diverġenzi fil-ġurisprudenza.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppruvat tidentifika oqsma li jagħtu lok għal numru ta' rinviji għal deċiżjoni preliminari li huwa kbir biżżejjed sabiex it-trasferiment tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti Ġenerali fl-oqsma kkonċernati jkollu effett reali fuq il-volum ta' xogħol tagħha. Fil-fatt, it-trasferiment ta' ftit kawżi biss – anki jekk jikkonċernaw oqsma speċifiċi – ma huwiex ser iwassal għat-tħaffif mixtieq fil-volum ta' xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Abbażi ta' dan – u wara analiżi fil-fond tal-istatistika rilevanti dwar il-kawżi maqtugħa mill-Qorti tal-Ġustizzja bejn l-1 ta' Jannar 2017 u t-30 ta' Settembru 2022 [8] – il-Qorti tal-Ġustizzja identifikat sitt oqsma li jissodisfaw il-parametri msemmija iktar 'il fuq: is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, id-dazji tas-sisa, il-Kodiċi Doganali u l-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, il-kumpens u l-assistenza tal-passiġġieri kif ukoll is-sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Dawn l-oqsma, li huma elenkati fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 50b ġdid li qiegħed jiġi propost li jiddaħħal fl-Istatut [9], huma fil-fatt identifikati b'mod ċar u jistgħu jinfirdu b'mod suffiċjenti minn oqsma oħra koperti mid-dritt tal-Unjoni, huma rregolati min-numru limitat ta' atti tad-dritt sekondarju u, kif jirriżulta mill-istatistika msemmija iktar 'il fuq, ftit li xejn jagħtu lok għal sentenzi fuq livell ta' prinċipju sa fejn, minn total ta' iktar minn 630 kawża, tlieta biss minnhom ġew ittrattati mill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja matul il-perijodu kkunsidrat. Barra minn hekk, dawn l-oqsma taw lok għal ġurisprudenza abbundanti tal-Qorti tal-Ġustizzja u dan għandu jillimita b'mod kunsiderevoli r-riskji ta' diverġenzi fil-ġurisprudenza.

Filwaqt li t-trasferiment, lill-Qorti Ġenerali, tal-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi t-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa fl-oqsma msemmija iktar 'il fuq għandu jwassal għal tħaffif sinjifikattiv fil-volum ta' xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja inkwantu tali talbiet jirrappreżentaw, bħala medja, madwar 20 % tat-talbiet kollha għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kull sena, huwa meħtieġ ukoll li jiġu speċifikati l-modalitajiet tat-tqassim tal-kompetenza fir-rigward tad-domandi preliminari bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali u l-modalitajiet tat-trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari minn din il-qorti tal-aħħar. Dan huwa s-suġġett tat-tieni u tat-tielet paragrafi tal-Artikolu 50b.

*(2) Istanza unika responsabbli sabiex tirċievi t-talbiet għal deċiżjoni preliminari u sabiex tiżgura l-osservanza tat-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali fir-rigward tad-domandi preliminari*

Peress li t-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali fir-rigward tad-domandi preliminari huwa rregolat minn kriterju materjali u peress li t-talbiet għal deċiżjoni preliminari jistgħu jkunu ta' natura mħallta u jinkludu domandi dwar diversi oqsma,

8 Din l-istatistika tinsab fl-Annessi 2 u 3 ta' din it-talba.

9 Ara l-Artikolu 2 tar-Regolament propost.

huwa importanti li ma jkunux il-qrati tar-rinviju li jkollhom jiddeċiedu, huma stess, il-kwistjoni ta' jekk it-talba tagħhom għal deċiżjoni preliminari taqax taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jew taħt dik tal-Qorti Ġenerali. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali kif ukoll għal raġunijiet ta' ħeffa, l-Artikolu 50b(2) tal-Istatut għalhekk jispeċifika li, bħalma huwa l-każ attwalment, it-talbiet kollha mressqa skont l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u li hija din tal-aħħar li jkollha tibgħat it-talba lill-Qorti Ġenerali wara li tkun ivverifikat, skont il-modalitajiet previsti fir-Regoli tal-Proċedura tagħha, li din it-talba taqa' esklużivament taħt wieħed jew iktar mill-oqsma speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 50b(1) tal-Istatut.

F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-verifika magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-kuntest ma hijiex evalwazzjoni ta' jekk ikunx opportun li l-kawża tintbagħat quddiem il-Qorti Ġenerali jew li tinżamm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fid-dawl tal-interess tad-domandi preliminari magħmula. Din il-verifika hija intiża esklużivament li tiggarantixxi l-osservanza tal-prinċipju ta' kompetenzi attribwiti, sa fejn l-Artikolu 256(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma jagħti lill-Qorti Ġenerali ebda kompetenza sabiex tiddeċiedi domandi preliminari li ma jaqgħux taħt wieħed jew iktar mill-oqsma speċifiċi stabbiliti fl-Istatut. Għalhekk, talba għal deċiżjoni preliminari li tkopri kemm oqsma elenkati fl-Artikolu 50b(1) tal-Istatut u kemm oqsma li ma jaqgħux taħt dan l-artikolu ser tiġi ttrattata mill-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li talba li tikkonċerna esklużivament wieħed jew iktar mill-oqsma stabbiliti f'dan l-artikolu ser tiġi ttrasferita awtomatikament lill-Qorti Ġenerali, irrispettivament mill-interess tal-kawża jew mill-importanza tad-domandi magħmula.

Ma hemmx għalfejn jingħad li t-trasferiment ta' talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti Ġenerali huwa bla ħsara għall-possibbiltà, għal din tal-aħħar, li tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk tqis li l-kawża "teħtieg deċiżjoni li tista' tikkomprometti l-unità jew il-koerenza tal-liġi ta' l-Unjoni" jew għall-possibbiltà, għall-Qorti tal-Ġustizzja stess, li twettaq eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali "fejn hemm periklu serju għall-unita jew għall-koerenza tal-liġi ta' l-Unjoni" [10]. Madankollu, dan l-eżami mill-ġdid għandu jkun ta' natura eċċezzjonali. Fil-fatt, it-tressiq ta' talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jimplika s-sospensjoni tal-proċedura pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju fl-istennija tar-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Qorti Ġenerali għad-domandi magħmula mill-imsemmija qorti, u għalhekk it-trattament tat-talba mill-Qorti Ġenerali għandu, bħala prinċipju, ikun ta' natura definittiva.

F'dan il-kuntest, u sabiex jiġi ffavorit approċċ uniformi fit-trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali, dawn iż-żewġ qrati qiesu, fil-kuntest tal-preparazzjoni ta' din it-talba leġiżlattiva, li għandhom jingħataw diversi garanziji proċedurali lill-qrati nazzjonali kif ukoll lill-partijiet fit-tilwima fil-kawża prinċipali u lill-partijiet interessati l-oħra msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut.

*(3) Il-garanziji proċedurali indispensabbli għal trattament identiku tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali*

---

[10] Ara, f'dan ir-rigward, il-formulazzjoni tat-tieni u tat-tielet subparagrafi tal-Artikolu 256(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Tliet garanziji proċedurali ġew għalhekk inklużi fl-Istatut.

L-ewwel nett, fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 50b(3) tal-Istatut huwa previst li l-Qorti Ġenerali għandha tassenja t-talbiet għal deċiżjoni preliminari lil awli magħżula għal dan il-għan. Tali għażla ta' awla – li ma hijiex xi ħaġa ġdida għall-Qorti Ġenerali peress li diġà hija implimentata, b'suċċess, fit-trattament tal-kawżi tas-servizz pubbliku u tal-proprjetà intellettwali – għandha tiffaċilita t-teħid ta' responsabbiltà għal dan it-tip ġdid ta' kawżi min-naħa tal-Qorti Ġenerali, u fl-istess ħin hija ta' natura li tiffavorixxi konsistenza ikbar fit-trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa fl-oqsma speċifiċi kkonċernati peress li ser jiġu ttrattati kollha mill-istess awla jew awli tal-Qorti Ġenerali.

Inkluża fit-tieni sentenza tal-Artikolu 50b(3) tal-Istatut, it-tieni garanzija tal-istess trattament proċedurali tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali tirriżulta mill-assenjazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, ta' Avukat Ġenerali għal kull kawża għal deċiżjoni preliminari ttrattata minn din il-qorti. Bħal fil-każ tal-Qorti tal-Ġustizzja, din l-assenjazzjoni ma hijiex ser timplika l-preżentazzjoni sistematika ta' konklużjonijiet f'tali kawżi peress li, skont il-ħames paragrafu tal-Artikolu 20 tal-Istatut – applikabbli għall-Qorti Ġenerali bis-saħħa tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-imsemmi Statut – kawża tista' tiġi deċiża mingħajr konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali meta ma tqajjem ebda punt ta' liġi ġdid. Din l-assenjazzjoni, iżda, ser tikkontribwixxi għas-solidità tal-analiżi mwettqa minn din il-qorti peress li kull kawża ser tibbenefika, anki quddiemha, minn evalwazzjoni doppja, sa fejn l-istudju tal-proċess imwettaq mill-Avukat Ġenerali assenjat lill-kawża jkun jista' jikkompleta, jirfina jew isaħħaħ b'mod utli l-analiżi mwettqa mill-Imħallef Relatur fir-rapport preliminari tiegħu.

Fl-aħħar nett, sa fejn ċerti talbiet għal deċiżjoni preliminari, iżda wkoll kawżi oħra, ikunu jistgħu jitolbu l-attenzjoni ta' numru ta' Mħallfin ikbar minn ħames Imħallfin, din it-talba leġiżlattiva tipprevedi l-emenda tal-Artikolu 50 tal-Istatut sabiex il-Qorti Ġenerali tingħata l-possibbiltà tiltaqa' bħala kulleġġ ġudikanti ta' daqs intermedju, bejn l-awli b'ħames Imħallfin u l-Awla Manja kkostitwita minn ħmistax-il Imħallef. Fil-fatt, l-Awla Manja tal-Qorti Ġenerali ma għandhiex tiltaqa' sabiex tiddeċiedi d-domandi preliminari mibgħuta quddiem il-Qorti Ġenerali sa fejn, minn naħa, il-kawżi li jeħtieġu deċiżjoni fuq livell ta' prinċipju li normalment jaqgħu fil-kompetenza tal-Awla Manja jkollhom jintbagħtu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(3) TFUE u sa fejn, min-naħa l-oħra, minħabba n-numru ta' Mħallfin fl-Awla Manja, Imħallfin li ma jagħmlux parti mill-awli magħżula għal dan il-għan ikunu jistgħu jitqiegħdu f'pożizzjoni fejn ikollhom jagħtu deċiżjoni fir-rigward tad-domandi preliminari, b'mod li jista' jdgħajjef il-garanzija prevista fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 50b(3) tal-Istatut. F'dan ir-rigward, it-tielet paragrafu tal-Artikolu 50 jispeċifika li r-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali għandhom jiddeterminaw il-kompożizzjoni tal-awli kif ukoll iċ-ċirkustanzi u l-kundizzjonijiet li fihom il-Qorti Ġenerali jkollha tiltaqa' bħala wieħed minn dawn id-diversi kulleġġi ġudikanti.

Ikkunsidrati flimkien, is-sensiela ta' miżuri preċedenti għandhom jippermettu lill-Qorti Ġenerali tiġġestixxi bl-aħjar mod din il-kompetenza ġdida u fl-istess ħin huma ta' natura li jiffavorixxu l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, tkun liema tkun il-qorti li ser tagħti deċiżjoni dwar it-talba għal deċiżjoni preliminari.

**II. L-estensjoni, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, tal-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli**

Filwaqt li l-ewwel parti ta' din it-talba għal emenda tal-Istatut hija relattivament innovattiva, it-tieni parti għandha, għall-kuntrarju, portata iktar limitata. L-għan ta' din il-parti huwa sempliċement li jiġu inklużi, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli, l-appelli ppreżentati kontra s-sentenzi jew id-digrieti tal-Qorti Ġenerali dwar id-deċiżjonijiet tal-bordijiet tal-appell indipendenti tal-korpi jew tal-organi tal-Unjoni Ewropea li kienu diġà jeżistu fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmu msemmi iktar 'il fuq, jiġifieri fl-1 ta' Mejju 2019, li iżda ma ssemmewx fl-Artikolu 58a tal-Istatut u li l-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel jiġi estiż għall-appelli ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali mogħtija b'applikazzjoni ta' klawżoli ta' arbitraġġ.

Meta daħal fis-seħħ, fl-2019, il-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli kien fil-fatt applikabbli għall-appelli ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar id-deċiżjonijiet tal-bordijiet tal-appell indipendenti ta' erba' uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni msemmija b'mod espliċitu fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58a tal-Istatut [11], kif ukoll għall-appelli ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar deċiżjoni ta' bord tal-appell indipendenti stabbilit wara l-1 ta' Mejju 2019 fi ħdan kwalunkwe uffiċċju jew aġenzija oħra tal-Unjoni li jkollu obbligatorjament jiġi adit qabel ma jkun jista' jiġi ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali. Issa, fl-1 ta' Mejju 2019, kien hemm korpi jew organi oħra tal-Unjoni li wkoll kellhom bord tal-appell indipendenti li kien diġà stabbilit u li ma jidhrux fil-lista ta' korpi jew ta' organi tal-Unjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58a tal-Istatut. Nistgħu nsemmu hawnhekk, bħala eżempji, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji, l-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u tas-Swieq kif ukoll l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija.

Peress li ebda raġuni partikolari ma tiġġustifika l-assenza tagħhom mil-lista msemmija iktar 'il fuq, qiegħed għalhekk jiġi propost, għal finijiet ta' konsistenza ikbar, li l-Artikolu 58a tal-Istatut jiġi emendat sabiex dawn il-korpi jew organi li kienu diġà stabbiliti fl-1 ta' Mejju 2019 jiżdiedu mal-lista ta' erba' korpi diġà msemmija f'dan l-artikolu u li jiġi previst, fil-każ tagħhom ukoll, li l-eżami tal-appelli ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar deċiżjoni mogħtija mill-bord tal-appell tagħhom jew minn wieħed mill-bordijiet tal-appell tagħhom ikun suġġett għall-ammissjoni minn qabel ta' dawn l-appelli mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 58a, l-appell ikollu jiġi ammess, kompletament jew parzjalment, fil-każ biss li jqajjem kwistjoni sinjifikattiva għall-unità, għall-konsistenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.

F'din il-perspettiva, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tipproponi wkoll l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli għall-appelli ppreżentati

[11] Dawn huma, rispettivament, l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt konkluż mill-Unjoni jew f'isimha li jinkludi klawżola ta' arbitraġġ, fis-sens tal-Artikolu 272 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

B'differenza mill-kawżi msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58a, il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali abbażi ta' klawżola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt irregolat mid-dritt pubbliku jew mid-dritt privat konkluż minn jew f'isem l-Unjoni ma jkunux ibbenefikaw minn eżami minn qabel minn bord tal-appell indipendenti qabel ma jitressqu għall-eżami tal-Qorti Ġenerali. Madankollu, dawn il-kawżi jeħtieġu biss li l-Qorti Ġenerali tapplika għall-mertu tat-tilwima d-dritt nazzjonali li għalih tirreferi l-klawżola ta' arbitraġġ, u mhux li tapplika d-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, sa fejn l-appelli ppreżentati f'dan il-qasam ma humiex, bħala prinċipju, ta' natura li jqajmu kwistjonijiet sinjifikattivi għall-unità, għall-konsistenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tikkunsidra li dawn jiġu suġġetti għall-istess mekkaniżmu bħal dak applikabbli għall-appelli ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar id-deċiżjonijiet tal-bordijiet tal-appell imsemmija iktar 'il fuq.

<u>Lista tal-annessi</u>:

1) Kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja bejn l-1 ta' Jannar 2017 u t-30 ta' Settembru 2022 – Tqassim skont it-tip ta' kawża
2) Kawżi maqtugħa mill-Qorti tal-Ġustizzja bejn l-1 ta' Jannar 2017 u t-30 ta' Settembru 2022 – Tqassim skont it-tip ta' kawża
3) Kawżi għal deċiżjoni preliminari magħluqa mill-Qorti tal-Ġustizzja bejn l-1 ta' Jannar 2017 u t-30 ta' Settembru 2022 fl-oqsma speċifiċi koperti mit-talba leġiżlattiva

REGOLAMENT (UE, Euratom) 2022/… TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta*- …

li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 256(3) tiegħu u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 281 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u, b'mod partikolari, l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Novembru 2022,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta*- …,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Wara l-istedina li għamlulha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill fis-16 ta' Diċembru 2015 [12], il-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fl-14 ta' Diċembru 2017, rapport dwar il-bidliet possibbli fit-tqassim tal-kompetenzi fir-rigward tad-domandi preliminari skont l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għalkemm, f'dan ir-rapport, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma kienx hemm lok, f'dik id-data, li jiġu proposti bidliet fir-rigward tat-trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari magħmula skont l-imsemmi Artikolu 267, hija madankollu enfasizzat, f'dan l-istess rapport, li trasferiment ulterjuri tal-kompetenza fir-rigward tad-domandi preliminari lill-Qorti Ġenerali f'ċerti oqsma speċifiċi ma setax jiġi eskluż jekk in-numru u l-kumplessità tat-talbiet għal deċiżjonijiet preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jsiru tali li tali trasferiment ikun meħtieġ fl-interess ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Tali trasferiment jikkorrispondi, barra minn hekk, mar-rieda tal-awturi tat-Trattat ta' Nice, li kellhom l-intenzjoni jsaħħu l-effikaċja tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni billi pprevedew il-possibbiltà li l-Qorti Ġenerali tiġi involuta fit-trattament ta' tali talbiet.

(2) Mill-istatistika tal-Qorti tal-Ġustizzja joħroġ b'mod ċar il-fatt li kemm in-numru ta' kawżi għal deċiżjoni preliminari pendenti u kemm it-tul medju ta' trattament tagħhom qegħdin

[12] Ara l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 341, 24 ta' Diċembru 2015, p. 14, rettifika fil-ĠU L 40, 17 ta' Frar 2016, p. 16).



PUBLIC

jiżdiedu. Din is-sitwazzjoni ma hijiex marbuta biss man-numru kbir ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari li jitressqu kull sena quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, iżda wkoll mal-kumplessità kbira u man-natura partikolarment sensittiva ta' numru dejjem ikbar ta' domandi magħmula lill-imsemmija qorti. Bil-għan li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tkompli taqdi l-missjoni tagħha, hemm lok, fl-interess tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, li tintuża l-possibbiltà prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 256(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u li tiġi ttrasferita lill-Qorti Ġenerali kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni tad-domandi preliminari magħmula skont l-Artikolu 267 tal-imsemmi Trattat f'oqsma speċifiċi stabbiliti fl-Istatut.

(3) Attwalment il-Qorti Ġenerali tinsab f'pożizzjoni fejn tista' taffaċċja ż-żieda fil-volum ta' xogħol li ser tirriżulta minn dan it-trasferiment ta' kompetenza, u dan bis-saħħa tal-irdoppjar fin-numru tal-Imħallfin tagħha u tal-miżuri meħuda fil-kuntest tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni li tirriżulta mir-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [13]. Madankollu, peress li l-volum ta' xogħol tal-Qorti Ġenerali huwa marbut mill-qrib mal-evoluzzjoni tal-attività tal-Unjoni, għandu jiġi żgurat li l-Qorti Ġenerali tkun tista' tkompli teżerċita b'mod sħiħ l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha fir-rigward tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni, jekk ikun il-każ permezz ta' żieda fil-persunal tagħha.

(4) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, l-oqsma li fihom tingħata kompetenza lill-Qorti Ġenerali fir-rigward tad-domandi preliminari għandhom jiġi ddefiniti b'mod ċar u għandhom ikunu jistgħu jinfirdu suffiċjentement minn oqsma oħra. Barra minn hekk, dawn l-oqsma għandhom ikunu taw lok għal bażi kunsiderevoli ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tkun tista' tiggwida lill-Qorti Ġenerali fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha fir-rigward tad-domandi preliminari.

(5) L-oqsma speċifiċi għandhom barra minn hekk jiġu ddeterminati billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li mill-volum ta' xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja jitnaqqas l-eżami ta' numru ta' kawżi għal deċiżjoni preliminari li jkun kbir biżżejjed sabiex ikollu effett reali fuq dan il-volum ta' xogħol.

(6) Is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, id-dazji tas-sisa, il-Kodiċi Doganali u l-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda jissodisfaw il-kriterji kollha msemmija iktar 'il fuq sabiex ikunu jistgħu jitqies li huma oqsma speċifiċi fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 256(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(7) Dan jgħodd ukoll fir-rigward tal-kumpens u tal-assistenza tal-passiġġieri kif ukoll tas-sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Apparti l-fatt li dawn iż-żewġ oqsma jissodisfaw ukoll il-kriterji msemmija iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali hija perfettament f'pożizzjoni li tagħti deċiżjoni dwar it-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jaqgħu taħt dawn l-oqsma peress li l-kuntest fattwali u tekniku tagħhom jiddetermina, fil-

[13] Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 341, 24 ta' Diċembru 2015, p. 14, rettifika fil-ĠU L 40, 17 ta' Frar 2016, p. 16).

parti l-kbira tagħha, l-interpretazzjoni utli tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni.

(8) Fid-dawl tal-kriterju materjali applikabbli għat-tqassim tal-kompetenza fir-rigward tad-domandi preliminari bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, għal raġunijiet ta' ċertezza legali u ta' ħeffa, huwa importanti li ma jkunux il-qrati tar-rinviju li jkollhom jiddeċiedu huma stess liema qorti tal-Unjoni tkun kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tat-talba għal deċiżjoni preliminari. B'hekk, kull talba għal deċiżjoni preliminari għanda titressaq quddiem l-istess istanza unika, jiġifieri l-Qorti tal-Ġustizzja, li mbagħad tiddetermina, skont modalitajiet li jkunu ser jiġu speċifikati fir-Regoli tal-Proċedura tagħha, jekk it-talba taqax esklużivament taħt wieħed jew iktar mill-oqsma speċifiċi stabbiliti fl-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u, għaldaqstant, jekk ikollhiex tiġi ttrattata mill-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tibqa' kompetenti sabiex tagħti deċiżjoni dwar it-talbiet għal deċiżjoni preliminari li, għalkemm jistgħu jkunu marbuta mal-imsemmija oqsma speċifiċi, jikkonċernaw ukoll oqsma oħra, u dan sa fejn l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 256(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma jipprevedi ebda possibbiltà li tiġi ttrasferita lill-Qorti Ġenerali kompetenza fir-rigward tad-domandi preliminari f'oqsma oħra għajr f'oqsma speċifiċi.

(9) Bil-għan li l-qrati nazzjonali kif ukoll il-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut jingħataw l-istess garanziji bħal dawk li toffri l-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali ser tadotta dispożizzjonijiet proċedurali ekwivalenti għal dawk applikati mill-Qorti tal-Ġustizzja għat-trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, b'mod partikolari fir-rigward tal-assenjazzjoni ta' Avukat Ġenerali.

(10) Fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari meta mqabbla mar-rikorsi diretti li fir-rigward tagħhom għandha kompetenza l-Qorti Ġenerali, it-talbiet għal deċiżjoni preliminari għandhom jiġu assenjati lil awli tal-Qorti Ġenerali magħżula għal dan il-għan.

(11) Barra minn hekk, sabiex titħares b'mod partikolari l-konsistenza tad-deċiżjonijiet preliminari mogħtija mill-Qorti Ġenerali u fl-interess ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, għandu jiġi previst kulleġġ ġudikanti ta' daqs intermedju bejn l-awli b'ħames Imħallfin u l-Awla Manja.

(12) Mill-istatistika tal-Qorti tal-Ġustizzja joħroġ ukoll b'mod ċar in-numru kbir ta' appelli ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali. Bil-għan li titħares l-effikaċja tal-proċedura ta' appell u bil-għan li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tikkonċentra fuq l-appelli li jqajmu punti ta' liġi importanti, hemm lok li jiġi estiż il-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli, filwaqt li jiġu żgurati r-rekwiżiti inerenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

(13) F'din il-perspettiva, minn naħa, dan il-mekkaniżmu għandu jiġi estiż għall-appelli li jkollhom bħala suġġett deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali dwar id-deċiżjoni ta' bord tal-appell indipendenti ta' korp jew ta' organu tal-Unjoni li, fid-data tal-1 ta' Mejju 2019, kellhom tali bord tal-appell indipendenti iżda għadhom ma jissemmewx fl-Artikolu 58a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, tali appelli jikkonċernaw kawżi li jkunu diġà bbenefikaw minn eżami doppju, l-ewwel minn bord tal-appell indipendenti u mbagħad mill-

Qorti Ġenerali, b'tali mod li d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva jiġi ggarantit kompletament.

(14) Min-naħa l-oħra, il-mekkaniżmu ċċitat iktar 'il fuq għandu jiġi estiż għall-kawżi dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratti li jkun fihom klawżola ta' arbitraġġ, fis-sens tal-Artikolu 272 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, dawn il-kawżi jeħtieġu li l-Qorti Ġenerali tapplika għall-mertu tat-tilwima d-dritt nazzjonali li għalih tirreferi l-klawżola ta' arbitraġġ u għalhekk ma jqajmux, bħala prinċipju, kwistjonijiet sinjifikattivi għall-unità, għall-konsistenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 50 tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem l-"Istatut") huwa ssostitwit bit-test segwenti:

"Il-Qorti Ġenerali tiltaqa' bħala awli kostitwiti minn tliet jew minn ħames Imħallfin. L-Imħallfin għandhom jeleġġu minn fosthom il-Presidenti tal-awli. Il-Presidenti tal-awli b'ħames Imħallfin għandhom jiġu eletti għal tliet snin. Il-mandat tagħhom jista' jiġġedded darba.

Il-Qorti Ġenerali tista' tiltaqa' wkoll bħala Awla Manja, bħala awla intermedja bejn l-awli b'ħames Imħallfin u l-Awla Manja, jew bħala Mħallef uniku,

Ir-Regoli tal-Proċedura għandhom jistabbilixxu l-kompożizzjoni tal-awli kif ukoll il-każijiet u l-kundizzjonijiet li fihom il-Qorti Ġenerali tiltaqa' bħala wieħed minn dawn id-diversi kulleġġi ġudikanti."

*Artikolu 2*

L-artikolu segwenti huwa introdott fl-Istatut:

"Artikolu 50b

1. Il-Qorti Ġenerali hija kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, imressqa skont l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonċernaw esklużivament wieħed jew iktar mill-oqsma speċifiċi segwenti:

- is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud;
- id-dazji tas-sisa;
- il-Kodiċi Doganali u l-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda;
- il-kumpens u l-assistenza tal-passiġġieri;
- is-sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.



PUBLIC

2. Kull talba mressqa skont l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Wara li tivverifika, skont il-modalitajiet previsti fir-Regoli tal-Proċedura tagħha, li t-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna esklużivament wieħed jew iktar mill-oqsma msemmija fl-ewwel paragrafu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tgħaddi din it-talba lill-Qorti Ġenerali.

3. It-talbiet għal deċiżjoni preliminari mibgħuta quddiem il-Qorti Ġenerali għandhom jiġu assenjati, skont il-modalitajiet previsti fir-Regoli tal-Proċedura tagħha, lil awli magħżula għal dan il-għan. F'dawn il-kawżi għandu jiġi assenjat Avukat Ġenerali, skont il-modalitajiet previsti fir-Regoli tal-Proċedura."

PUBLIC

*Artikolu 3*

L-Artikolu 58a tal-Istatut huwa ssostitwit bit-test segwenti:

"1. L-eżami tal-appelli ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar deċiżjoni ta' bord tal-appell indipendenti ta' wieħed mill-korpi jew mill-organi tal-Unjoni msemmija iktar 'il quddiem għandu jkun suġġett għall-ammissjoni minn qabel ta' dawn l-appelli mill-Qorti tal-Ġustizzja:

(a) l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea;
(b) l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti;
(c) l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;
(d) l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea;
(e) l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija;
(f) il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni;
(g) l-Awtorità Bankarja Ewropea;
(h) l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq;
(i) l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol;
(j) l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji.

2. Il-proċedura prevista fl-ewwel paragrafu għandha tapplika wkoll għall-appelli ppreżentati kontra:

- id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar deċiżjoni ta' bord tal-appell indipendenti, stabbilit wara l-1 ta' Mejju 2019 fi ħdan kull korp jew organu ieħor tal-Unjoni, li għandu jiġi adit qabel ma jkun jista' jiġi ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali;
- id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt li jkun fih klawżola ta' arbitraġġ, fis-sens tal-Artikolu 272 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3. L-appell għandu jiġi ammess, kompletament jew parzjalment, skont il-modalitajiet speċifikati fir-Regoli tal-Proċedura, meta jqajjem kwistjoni sinjifikattiva għall-unità, għall-konsistenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.

4. Id-deċiżjoni dwar jekk appell jiġix ammess jew le għandha tkun motivata u għandha tiġi ppubblikata."

*Artikolu 4*

1. It-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa skont l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u li jkunu pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ttrattati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

2. L-appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar deċiżjoni ta' bord tal-appell ta' wieħed mill-korpi jew organi tal-Unjoni msemmija fil-punti (e) sa (j) tal-Artikolu 58a(1) u l-appelli msemmija fit-tieni inċiż tal-Artikolu 58a(2), li bihom il-Qorti tal-Ġustizzja tkun adita fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ma jaqgħux taħt il-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

PUBLIC

PUBLIC

# Anness 1

## Kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja bejn l-1 ta' Jannar 2017 u t-30 ta' Settembru 2022

## Tqassim skont it-tip ta' kawża

| | 2017 | % | 2018 | % | 2019 | % | 2020 | % | 2021 | % | 2022 (1) | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 533 | 72.1% | 568 | 66.9% | 641 | 66.4% | 557 | 75.6% | 567 | 67.7% | 420 | 66.7% |
| Rikorsi diretti | 46 | 6.2% | 63 | 7.4% | 41 | 4.2% | 38 | 5.2% | 29 | 3.5% | 28 | 4.4% |
| Appelli (2) | 147 | 19.9% | 199 | 23.4% | 266 | 27.5% | 131 | 17.8% | 232 | 27.7% | 174 | 27.6% |
| Talbiet għal opinjoni | 1 | 0.1% | | 0.0% | 1 | 0.1% | 1 | 0.1% | | 0.0% | | 0.0% |
| Proċeduri partikolari (3) | 12 | 1.6% | 19 | 2.2% | 17 | 1.8% | 10 | 1.4% | 10 | 1.2% | 8 | 1.3% |
| **Total** | **739** | | **849** | | **966** | | **737** | | **838** | | **630** | |

(1) Kawżi mressqa bejn l-1 ta' Jannar 2022 u t-30 ta' Settembru 2022.

(2) F'din it-tabella huma inklużi kemm l-appelli ppreżentati taħt l-Artikolu 56 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-appelli dwar miżuri provviżorji u l-appelli dwar interventi previsti fl-Artikolu 57 tal-istess Protokoll.

(3) Huma meqjusa bħala "proċeduri partikolari": l-għajnuna legali, l-intaxxar tal-ispejjeż, ir-rettifika, l-ommissjoni li tingħata deċiżjoni, l-oppożizzjoni għal sentenza mogħtija fil-kontumaċja, l-oppożizzjoni minn terzi, l-interpretazzjoni, ir-reviżjoni, l-eżami ta' proposta tal-Avukat Ġenerali Ewlieni li tiġi eżaminata mill-ġdid deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, il-proċedura ta' mandat ta' sekwestru u l-kawżi fil-qasam tal-immunità.

Anness 2

Kawżi maqtugħa mill-Qorti tal-Ġustizzja bejn l-1 ta' Jannar 2017 u t-30 ta' Settembru 2022

Tqassim skont it-tip ta' kawża [(1)]

PUBLIC

| | 2017 | % | 2018 | % | 2019 | % | 2020 | % | 2021 | % | 2022 (2) | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 447 | 63.9% | 520 | 68.4% | 601 | 69.5% | 534 | 67.4% | 547 | 70.9% | 382 | 68.0% |
| Rikorsi diretti | 37 | 5.3% | 60 | 7.9% | 42 | 4.9% | 37 | 4.7% | 30 | 3.9% | 32 | 5.7% |
| Appelli [(3)] | 198 | 28.3% | 165 | 21.7% | 210 | 24.3% | 204 | 25.8% | 183 | 23.7% | 142 | 25.3% |
| Talbiet għal opinjoni | 3 | 0.4% | | 0.0% | 1 | 0.1% | | 0.0% | 1 | 0.1% | 1 | 0.2% |
| Proċeduri partikolari [(4)] | 14 | 2.0% | 15 | 2.0% | 11 | 1.3% | 17 | 2.1% | 11 | 1.4% | 5 | 0.9% |
| **Total** | **699** | | **760** | | **865** | | **792** | | **772** | | **562** | |

(1) Iċ-ċifri indikati (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi, indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba konnessjoni (numru wieħed ta' kawża = kawża waħda).

(2) Kawżi maqtugħa bejn l-1 ta' Jannar 2022 u t-30 ta' Settembru 2022.

(3) F'din it-tabella huma inklużi kemm l-appelli ppreżentati taħt l-Artikolu 56 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-appelli dwar miżuri provviżorji u l-appelli dwar interventi previsti fl-Artikolu 57 tal-istess Protokoll.

(4) Huma meqjusa bħala "proċeduri partikolari": l-għajnuna legali, l-intaxxar tal-ispejjeż, ir-rettifika, l-ommissjoni li tingħata deċiżjoni, l-oppożizzjoni għal sentenza mogħtija fil-kontumaċja, l-oppożizzjoni minn terzi, l-interpretazzjoni, ir-reviżjoni, l-eżami ta' proposta tal-Avukat Ġenerali Ewlieni li tiġi eżaminata mill-ġdid deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, il-proċedura ta' mandat ta' sekwestru u l-kawżi fil-qasam tal-immunità.

<u>Anness 3</u>

Kawżi għal deċiżjoni preliminari magħluqa mill-Qorti tal-Ġustizzja bejn l-1 ta' Jannar 2017 u t-30 ta' Settembru 2022 fl-oqsma speċifiċi koperti mit-talba leġiżlattiva

**Tabella 1: Numru ta' kawżi**

| | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Taxxa fuq il-valur miżjud** | 53 | 47 | 53 | 50 | 51 | 32 | 286 |
| **Dazji tas-sisa** | 5 | 3 | 4 | 3 | 5 | 5 | 25 |
| **Kodiċi doganali** | 11 | 0 | 7 | 4 | 6 | 2 | 30 |
| **Klassifikazzjoni tariffarja** | 5 | 6 | 6 | 7 | 7 | 1 | 32 |
| **Kumpens u assistenza tal-passiġġieri** | 24 | 64 | 28 | 39 | 63 | 19 | 237 |
| **Kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra** | 3 | 5 | 3 | 3 | 6 | 1 | 21 |
| | 101 | 125 | 101 | 106 | 138 | 60 | 631 |

* Fil-każ ta' ċerti kawżi li jkopru diversi oqsma speċifiċi, dawn naturalment ingħaddew darba waħda biss u huma kklassifikati fil-kolonna dwar il-qasam prinċipali kkonċernat minnhom.

PUBLIC

**Tabella 2: Perċentwali li jirrappreżentaw il-kawżi magħluqa fl-oqsma speċifiċi meta mqabbla man-numru totali ta' kawżi għal deċiżjoni preliminari magħluqa matul is-sena kkonċernata**

PUBLIC

| | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Numru ta' kawżi fl-oqsma speċifiċi koperti mit-talba leġiżlattiva** | 101 | 125 | 101 | 106 | 138 | 60 | 631 |
| **Numru totali ta' kawżi għal deċiżjoni preliminari magħluqa** | 447 | 520 | 601 | 534 | 547 | 382 | 3031 |
| | **22.60%** | **24.04%** | **16.81%** | **19.85%** | **25.23%** | **15.71%** | **20.82%** |

**Tabella 3: Trattament proċedurali ta' dawn il-kawżi matul il-perijodu kkonċernat**

| | Numru totali ta' kawżi | Kulleġġ ġudikanti * | | | Konklużjonijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Awla Manja | Awla b'5 Imħallfin | Awla bi 3 Imħallfin | |
| **Taxxa fuq il-valur miżjud** | 286 | 2 | 113 | 139 | 113 |
| **Dazji tas-sisa** | 25 | 0 | 12 | 8 | 8 |
| **Kodiċi doganali** | 30 | 0 | 17 | 11 | 14 |
| **Klassifikazzjoni tariffarja** | 32 | 0 | 0 | 29 | 2 |
| **Kumpens u assistenza tal-passiġġieri** | 237 | 1 | 43 | 20 | 16 |
| **Kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra** | 21 | 0 | 11 | 7 | 10 |
| | 631 | 3 | 196 | 214 | 163 |

* Id-differenza bejn in-numru totali ta' kawżi li jaqgħu taħt qasam u t-total tal-kawżi maqtugħa mid-diversi kulleġġi ġudikanti hija dovuta, essenzjalment, għat-tneħħija ta' ċerti kawżi, li jkunu ġew maqtugħa permezz ta' digriet ta' tħassir adottat mill-President.

PUBLIC